KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tlieta (3) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2019 fis-6.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**03.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Il-laqgħa bdiet tard milli kien miftiehem għaliex il-Viċi Sindku kellha numru kbir ta' emendi li ma kienx possibbli li jinkitbu fuq il-karta u d-DSE kellu jittajpjahom fl-uffiċċju tiegħu.

Id-DSE qara l-ittra ta' apoloġija li bagħatlu Jonathan Dingli. Il-KLM skużah b'vot unanimu u d-DSE kien mitlub li jiġbed l-attenzjoni ta' Jonathan Dingli biex ma jfallix.

Il-minuti kif emendati minn Grace Marie Zerafa kienu meħuda bħala moqrija, ġew approvati u ffirmati, filwaqt li dawn kienu proposti mis-Sindku, issekondati minn Henry Zaffarese u kienu approvati b'vot unanimu.

**03.03 Rapport Finanzjaru tat-tieni kwart 2019**
Is-Sindku ippropona u Owen Sciberras issekonda it-tieni rapport finanzjarju April – Ġunju 2019. Dan kien approvat b'vot unanimu.

**03.04 Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
Dwar il-proċess tal-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv issa fadal l-aħħar applikant li kien ġab il-passmark għaliex dawk l-oħra ta' qablu min għal raġuni u min għal oħra, ma kienux iżjed interessati, jew sabu mpjieg ieħor. Hawn intqal illi dan kien għadu interessat u għada xtaq jiltaqa' mas-Sindku qabel ma jaċċetta l-kariga. Grace Marie Zerafa qalet illi tajjeb illi d-DSE jipprepara xi punti filwaqt li is-Sindku stieden lil Grace Marie Zerafa biex tkun ukoll preżenti.

**03.05 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**
Is-Sindku talab lill-KLM jikkunsidra lill-Valerie Galea biex isservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Grace Marie Zerafa qalet illi din qiegħda fi skala 13 u ma tistax tkun ikkunsidrata. Hija qalet illi barra minn hekk din taħdem bil-*flexible hours* filwaqt li kariga ta' responsabbilita' bħal din trid trid tkun flessibbli. Is-Sindku qal illi huwa ppropona lilha peress li hi l-aktar persuna li taf dwar il-KLM. Huwa qal li se jkun qed ikellimha u jagħmiliha ċara li trid tkun flessibbli għal dak kollu li jista' jinqala'.

**03.06 Ħatra ta' board tal-intervisti għas-sejħa interna ta' skrivan Skala XV**
Is-sejħa interna għal skrivan skala XV issa għalqet u l-KLM kien infurmat illi kien hemm applikanta waħda li preżentement taħdem fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Se ssirilha intervista nhar il-Ħamis 22 t'Awwissu 2019 fil-5.30pm minn board li kien maħtur waqt din is-seduta ffurmat mis-

Sindku, Owen Sciberras u Henry Zaffarese.

**03.07 Estenzjoni ta' skema GAL Xlokk Miżura 1 Restawr ta' Assi Artistiċi u Kulturali; *sas*-26 ta' Settembru f'nofsinhar.**

Għall-iskema tar-restawr li ħareġ il-Gal Xlokk, konna infurmati illi issa hemm estenzjoni. Il-perit ma setgħax jagħtina stima tar-restawr tan-niċċa ta' Santa Katarina fil-ħin għaliex il-KLM kien iddeċieda tard. Madankollu il-perit qalilna illi b'€10,000 x'aktarx nistgħu nirrestawraw aktar minn niċċa waħda. Minkejja li d-DSE kien informa lill-Perit biex jagħtina l-istimi tal-ħames niċeċ, il-KLM iddeċieda illi naħdmu fuq tliet niċeċ. Intant għall-iskema tar-restawr lokali se napplikaw mhux biss għar-restawr tat-Torri tal-Wilġa, iżda wkoll għar-restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina bil-possibilita' illi ħafna dettalji jinġiebu minn applikazzjoni passata tal-2016.

**03.08 Ċirkulari SPI/SCI/14/2019 - Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – *Community Inclusive Employment Scheme***

Dwar l-iskema tal-*Employment Inclusive Scheme* li għandha d-deadline tat-23 ta' Awwissu, intqal illi peress li l-KLM diġa' għandu impjegat diżabbli tal-*Community Works Scheme*, m'hemmx għalfejn napplikaw għaliha.

**03.09 Skema taħwil ta' siġar – se jingħataw minn Ambjent Malta u l-Kunsill irid imantnihom.**

Il-KLM mhux se jipproċedi bl-iskema ta' Ambjent Malta dwar it-taħwil ta' siġar. Dan kien deċiż fid-dawl illi Infrastruttura Malta se jagħtuna numru ta' siġar u s-Sindku kien avviċinat sabiex nindikawlhom fejn dawn jistgħu jiġu mħawwla. Hawn kien deċiż illi noħorġu l-offerta pubblika tal-ġardinaġġ peress li issa l-ELC mhux se jagħtuna aktar dan is-servizz. Osservanza oħra li saret kienet dwar is-siġar li għandna mħawwlin fl-Imqabba per eżempju fi Ġnien Mikelang Sapiano. Is-Sindku qal illi siġar nistgħu inżidu biss fil-ġonna pubbliċi, filwaqt li Grace Marie Zerafa qalet illi hija tal-ideja li nirriplesjaw siġar li huma mejtin. Dwar din tal-aħħar kien hemm qbil unanimu.

Punti Oħra

- Is-Sindku talab lill-kunsillieri jappuntaw ġurnata li fiha se ssir il-kampanja ta' tindif bl-isem *Clean up the World*. Hu qal illi rridu noħorġu l-avviż għall-voluntieri filwaqt li dan ma jistax joħroġ mingħajr ma nagħżlu l-ġurnata u l-post. Intlaħaq qbil illi t-tindif se jsir nhar it-18 ta' Settembru mill-4.30 pm sas-7.00pm fi Triq iż-Żurrieq u Triq tas-Sejba.
- Is-Sindku qal illi jrid ikun deċiż meta se jinżamm Jum l-Imqabba 2019. Grace Marie Zerafa qalet illi l-ewwel irridu naraw meta se ssir il-Griżma tal-Isqof ħalli l-avvenimenti ma' jaħbtux flimkien. Kien ikkuntattjat dak il-ħin il-Kappillan u kien deċiż illi l-aħjar ġranet ikunu id-19 t'Ottubru, l-Kunċert u l-20 t'Ottubru, l-Quddiesa. Dwar in-nominazzjonijiet iridu jitqassmu bieb bieb l-istediniet għalihom. Kien deċiż illi jingħata rikonoxximent lill-Sarah Camilleri li kienet nominata għall-Miss Universe u 'l Maria Ghigo għall-Atletika. Bħala preżentaturi se jkunu mistednin Edwin Gatt u / jew Mariah Casha u / jew Charles Farrugia u /jew Michael Sciortino. Dawn se jkunu akkumpanjati bħas-soltu bit-tfal tal-iskola.

- Is-Sindku qal illi irridu naraw x'se nagħmlu dwar il-ħsara fil-latrina pubblika l-ġdida għaliex kull darba li jkun hemm attivita' tal-massa din qed tistadd u joħroġ il-materjal u l-likwidu għal barra t-triq. Dan reġa' ġara fil-festa ta' Santa Marija. Grace Marie qalet illi l-KLM irid jara jekk ix-xogħol sarx skont l-arti u s-sengħa u ppoponiet li jsir rapport. Is-Sindku qal li jaqbel għaliex l-ispejjeż telgħu għal madwar €44,000.00. Kien hemm proposta li naraw insibux xi kuntrattur li jara il-katusi bil-*camera* u wkoll li jinqala' l-madum tal-parapett fuq is-sifun biex jerġgħu jinfetħu l-kaptelli li ingħalqu meta sar ir-*refurbishment* matul din is-sena.
- Nathan Aquilina telaq fid-19.52pm.
- Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' uffiċjali tal-LESA, prinċipalment ma' Stephen Cassar u

Claudio Tonna fejn fiha mhux biss kien diskuss l-infurzar f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskart u l-Eko-Wardens (issa nbidlilhom isimhom għax il-Wardens issa ġew Uffiċjali tal-Komunita') iżda wkoll il-moniteraġġ minħabba li trakkijiet goffi qed jgħaddu minn Triq Valletta. Matul din il-laqgħa is-Sindku kien infurmat illi se jintlaħaq ftehim ma' Greenpak biex jibdew joħorġu ċ-ċitazzjonijiet minn cctv fi żmien jumejn.

- Omar Farrugia qal illi qed jaħseb li tkun imnedija Mobile App tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hu qal illi din ikollha l-faċilita' illi tiġbor notifications, u jkun per eżempju reġistrat kull talba għal servizz ta' skart goff. Hu qal illi diġa' kellem lil xi ħadd u bagħatlu stima ta' €4,850. Grace Marie Zerafa qalet illi din nistgħu inġibuha b'xejn minn għand studenti tal-MCAST. Ġie deċiż illi din tinżamm on hold peress li fil-mument m'għandniex riżorsi biżżejjed fl-uffiċċju.
- Grace Marie Zerafa talbet illi l-imirja ta' Triq tas-Sejba għandhom jitnaddfu jew jinbidlu għax qalet illi huma imtappnin, speċjalment dik li hemm kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Ġilju.
- Grace Marie Zerafa talbet biex jitnaddfu l-culverts kollha li hawn fir-raħal mill-ħaddiema tal-RSS.
- Grace Marie Zerafa talbet biex il-ħaddiema tal-RSS inaddfu Triq it-Torri Vincenti.
- Grace Marie Zerafa staqsiet jekk il-bins (inkluż id-doggy bins) li kienu ordnati għal Triq Valletta ġewx l-uffiċċju. Id-DSE qal li ma rahomx fl-uffiċini.
- Grace Marie Zerafa issuġġeriet ħarġa għal Għawdex nhar it-13 ta' Settembru. Hija qalet illi matulha se jkun hemm żjara fil-Mitħna sigrieta li ssoltu jitolbu ħlas ta' €2 għal kull persuna u din issa mhux qed tintalab bil-premessa li jġibu grupp huma u jidħlu fl-Isptar il-Qadim mingħajr ħlas.
- Grace Marie Zerafa talbet update tal-Bord tal-Governanza. Id-DSE qal li ta ix-xhieda tiegħu u ma jafx jekk Dr Charlene Muscat kienetx għamlet affidavit bil-miktub. Se nitolbu update minn dan il-Board.
- Owen Sciberras talab illi jitwaħħlu u-shape barrier/s fuq il-bankina fi Triq il-Parroċċa biex ma jibqgħux jitilgħu fuqha il-vetturi tqal u jkissru l-kaptelli tad-drenaġġ tar-residenti.
- Owen Sciberras informa lill-KLM illi kellu laqgħa mal-librara u mas-Sur Michael Cachia. Hu ippreżenta diversi proposti ta' titjib fil-librerija minħabba 9 nuqqasijiet.

- Henry Zaffarese ilmenta mill-kwantita' ta' trab li hemm fil-karreġġjata fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fuq in-naħa int u sejjer lejn il-Qrendi. Hu qal li dan sejjer kollu fir-residenzi tan-nies.

**03.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 565.**

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 565 b'vot unanimu.

**03.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss.**

Il-laqgħa li jmiss setinżamm nhar is-17 ta' Settembru fil-5.00pm u din intemmet fid-21.00pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 17 ta' Settembru 2019 minn Omar Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku